# Rosa Magro (1899-1968)

**Kitba:** Angelo Xuereb



Rosa Magro twieldet fit-23 ta' Diċembru 1899, fid-dar 120, Triq San Ġwann Battista fix-Xewkija, Għawdex. Tgħammdet fl-istess jum mill-Arċipriet Pietru Pawl Ciantar.

Kellha x-xorti li tiffrekwenta mhux biss l-iskola elementari fix-Xewkija iżda anki dik sekondarja fil-Belt Victoria. Minn hemm kisbet iċ-ċertifikati meħtieġa u bdiet tgħallem fl-iskola elementari tal-Għarb.

Wara li għallmet fl-iskola tal-Għarb, ġiet trasferita għall-iskola tal-bniet fix-Xewkija. L-ogħla klassi, jiġifieri *Standard IV*, kienet fdata f'idejha. Kienet tħajjarhom biex ikomplu l-edukazzjoni tagħhom. Meta ngħidu dan irridu nżommu quddiem għajnejna li dak iż-żmien mhux kulħadd kien imur is-sekondarja. B'hekk, bl-insistenza tagħha, ħafna bdew jattendu fl-iskola sekondarja fil-Belt Victoria, li kienet tissejjaħ *St Mary Secondary School.*

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) saret Aġent Kap tal-iskola. Iżda ġara li minħabba l-attakki mill-ajru, is-superjuri ordnaw li t-tfal ma kellhomx jitlaqqgħu f'post wieħed iżda jiġu mferrxin f'diversi djar privati. Quddiem din is-sitwazzjoni ma qatgħetx qalbha, imma offriet id-dar tagħha fil-pjazza qrib xelter u marret toqgħod f'dar oħra.

Fl-4 ta' Ġunju 1961 ġiet eletta fl-Elezzjonijiet għall-Kunsill Ċiviku tax-Xewkija bħala l-unika kunsilliera mara. Iżda ma nkunux għidna kollox dwar Rosa Magro jekk ma nsemmux li kienet membru attiva tal-Azzjoni Kattolika. Dan huwa moviment imwaqqaf mill-Papa Piju XI fit-23 ta' Diċembru 1922 permezz tal-Enċiklika *Ubi Arcano*. L-iskop ta' dan il-moviment huwa li l-lajċi jieħdu azzjoni Nisranija id f'id mal-Ġerarkija tal-Knisja.

Fetħet il-fergħa tal-bniet ta' dan il-moviment fix-Xewkija. Flimkien mal-Assistent Ekkleżjastiku Dun Ġwann Xuereb xtrat dar biex tintuża għall-attivitajiet. Dan il-post għadu jintuża sal-lum u għadhom jattendu xebbiet, nisa żgħażagħ u nisa adulti.

Bħala membru attiv tal-Azzjoni Kattolika ma kinitx taqdi biss dmirha bħala għalliema, iżda kienet tagħmel ukoll ħafna appostolat dirett. Kienet torganizza gara katekistika kull sena. Din kienet speċi ta' kwiżż kompetittiv bejn it-tfal dwar xi tema reliġjuża. Kienet torganizza wkoll ħarġiet kulturali lejn postijiet storiċi kemm f'Malta u kemm f' Għawdex. Ta' min isemmi li waqt il-purċissjonijiet kienet tieħu ħsieb it-tfal sewwa.

Wara li serviet bħala Presidenta taċ-Cirklu tax-xebbiet u tan-nisa tal-Azzjoni Kattolika fix-Xewkija, l-Isqof Mons. Ġużeppi Pace ħatarha Presidenta Djoċesana tal-fergħa tan-nisa. Hija segħet tagħmel dan kollu peress li Alla għanieha b'karattru ta' *leader*. B'hekk hija ħaddmet it-talenti li Alla taha għall-ġid tal-proxxmu.

Ħalliet din id-dinja fl-1 ta' Mejju 1968 fid-dar tagħha fix-Xewkija. Il-poplu wera l-istima lejha fil-funeral li sarilha. Hija midfuna fil-qabar tal-familja numru 53, fiċ-Ċimiterju tal-istess parroċċa.

F'apprezzament f'*Il-Huġġieġa*, l-organu uffiċjali tal-Azzjoni Kattolika, insibu: "Hija kellha wisq għal qalbha l-Azzjoni Kattolika, tant li waqt il-mard kienet ittenni li kellha konsolazzjoni kbira għaliex kienet għamlet kullma setgħet għall-Azzjoni Kattolika Jixraq li l-imseħbin kollha jiftakru fir-ruħ ta' din il-benefattriċi u xempju ta' diriġenta ħabrieka, u nitolbu bil-qalb biex il-Mulej jagħtiha l-premju tal-ġenna" (Ġunju 1968, p. 223).

F'rikonoxxenza għal ħidmietha, l-Iskola Primarja tax-Xewkija ngħatat l-isem ta' "Rosa Magro" nhar il-25 ta' Marzu 1999.

(Dan l-artiklu huwa bbażat fuq l-artiklu tas-Sur Ġużeppi Xuereb li deher fil-*Gourgion* tal-1999. Imbagħad jien għamilt ir-riċerki tiegħi).